Nov '79

Organu tal-'Malta Police Association'
Ippubblikat minn
Associated News (M) Ltd.
Stampat mill-Penprint Ltd.
Editur — Michael Marshall

IL-PULIZIJA 3/1

# Zewg Surgenti jattendu scholarship fl-Universita ta' Grenoble, Franza.

Matul ix-xahar ta' Awissu 1979, zewg Surgenti tal-Korp tal-Pulizija marru Franza fejn attendew ghal scholarship dwar it-taghlim tal-lingwa franciza.

Is-Surgenti Emanuel Calleja u C. Curmi telqu minn Malta fl-1 ta' Awissu u l-ghada li waslu fi Franza huma poggew ghal ezami flimkien ma' studenti minn pajjizi ohra. Wara l-ezami huma gew kalssifikati u bdew l-istudju taghhom li kien jikkonsisti f'lectures dwar grammatika, letteratura u vokabularju tal-lingwa franciza.

Fid-29 ta' Awissu huma gew ipprezentati b'certifikati flimkien ma l-istudenti kollha li attendew u l-ghada huma attendew ghall-festival organizzat mill-awtoritajiet tal-Universita ta' Grenoble. Waqt dan il-festival l-istudenti rrapprezentaw lil pajjizhom permezz ta' kanzunetti jew drawwiet tradizzjonali tal-pajjiz.

L-awtoritajiet tal-universita hadu wkoll hsieb jorganizzaw harga f'Grenoble fejn l-istudenti raw xi postijiet storici.

Fl-ewwel ta' Settembru, l-membri tal-pulizija Maltin gew lura Malta, fejn hu mistenni li dawn ikomplu jistudjaw il-lingwa franciza. Ta' min isemmi wkoll li dawn is-Surgenti barra li bdew jitghallmu l-lingwa franciza meta kienu jattendu l-iskola, huma komplew jistudjaw il-lingwa franciza waqt korsijiet organizzati mid-Dipartiment tal-Pulizija.



Is-Surgenti Maltin flimkien ma' Pulizija Franciz hdejn il-Kwartieri generali tal-Pulizija ta' Grenoble.

## EDITORJAL

**Twaqqif ta' fond ta' Beneficcju**

Kienet verament decizjoni ta' min ifahhara tal-Kumitat tal-Assocjazzjoni li mis-sena d-diehla l-membri taghha se jkunu jistghu jibbenefikaw minn fond ta' beneficcju f'kazijiet ta' spejjez in konnessjoni ma mard jew xi disgrazzji.

Il-hsieb tat-twaqqif ta' dan il-fond ilu jissemma u kemm il-darba dehret kitba f'dan il-magazin dwaru. Izda dan il-fond ma setghax jitwaqqaf kemm il-darba jibqghu hergin il-flus mill-fond tal-Association biex isiru l-parties tal-Milied bhal ma kien qed isir f'dawn l-ahhar snin. Ghaldaqstant kellha tittiehed decizjoni iebsa, izda ghaqlijja u bil-flus li se jigu ffrankati din is-sena, se jitwaqqaf dan il-fond ta' beneficcju.

L-amministrazzjoni giet maghrrfa dwar dan u ghandna l-pjacir inhabbru li waqt laghqa li kellna mal-Kummissarju tal-Pulizija gie deciz li tohrog is-somma ta' £M500 mil-General Fund ghal Benefit Fund. Biex seta jsir dan kellha wkoll tittiehed l-istess decizjoni biex ma johorgux flus mill-General Fund hlief ghal party tat-tfal tal-Pulizija.

Nistennew, madankollu, li se jkun hemm xi dgergir fost xi whud mill-membri tal-Korp peress li mhux se jinghata s-soltu sussidju ghal dak l-entertainment li se jigi organizzat fid-diversi sezzjonijiet tal-Pulizija matul il-festi tal-Milied. Izda t-tfal mhux se jithallew barra u kif hemm spjegat f'pagna ohra ta' dan il-magazin se jigi organizzat party wiehed ghat-tfal tal-membri tal-Korp u jinghataw gugarelli lit-tfal ta' bejn l-erbgha u tnax il-sena. Wiehed irid jifhem li ma jistghux isiru z-zewg affarijiet, jigifieri li tinghata l-lira ghal kull membru tal-Korp sabiex isiru l-parties u jinghata wkoll bidu ghal dan il-fond ta' beneficcju, ghaldaqstant ghazilna dik li fl-opinjoni taghna u hafna ohrajn kienet l-aktar mehtiega.

**KOPERTINA.**

**Il-President tas-Senegal, Mr. Leopold Sedar Senghor jispezzjona Gwardja ta' l-Unir tal-Pulizija nhar it-Tlieta 6 ta' Novembru, 1979 hdejn il-Monument tal-Helsien, l-Birgu.**


TEL. 674233
Roadhouse
Buskett
EVERY NIGHT
INTERNATIONAL CABARET
FROM 9P.M.
starring
SILVER SPICE
LEE CURTIS
SINGER
AND 4 DANCING GIRLS
"The DANCE Fantasion"
Plus
other
International
Speciality
Acts
SPECIAL
FOLKLORE
GROUP
Resident Band
AQUARIUS

# Mill-Association

Nhar is-Sibt 29 ta' Settembru 1979 saret laqgha tal-Joint Cèntral Committee fejn gie diskuss jekk ghal din is-sena humiex se johorgu l-flus mill-fond tal-Association biex isiru l-parties tal-Milied ghall-membri tal-Korp u l-familji taghhom.

Il-Kumitat qabel li din is-sena mhux se johorgu l-flus li kienu qed johorgu fis-snin ta' qabel bhala sussidju ghal dawn il-parties bl-iskop li jitwaqqaf Fond ta' Beneficcju ghall-membri tal-Korp. Ghaldaqstant, mis-sena d-diehla se jinghata bidu ghall-skema ta' ghajnuniet finanzjarji liema skema tigi ppubblikata aktar tard u huwa mahsub li f'din l-iskema se jkun hemm ghajnuna finanzjarja f'korrimenti, meta dawn ma jkunux graw fuq ix-xoghol u l-individwu jonqoslu s-salarju: f'xi disgrazzi fejn issir hsara fil-proprjeta tal-membru tal-Korp; f'kazijiet ta' safar in konnessjoni ma mard kemm tal-pulizija kif ukoll ghal mara jew tfal tieghu; f'kazijiet ta' mewt ta' membru tal-Korp fejn hu mistenni li tinghata parti mill-ispejjez tal-funeral; u kazijiet ohra li ghandhom jigu studjati waqt laqgha tal-Kumitat. Rapport iddettaljat jigi ppublikat meta jitwaqqaf dan il-Fond ta' Beneficcju.

*Billiard fil-Canteen*

Il-billiard misluf fil-Canteen kellu jinghata lura minhabba hsara li gratlu. Il-billiard il-kbir ukoll saritlu l-hsara u mhux se jisewwa qabel ikun hemm kumitat li lest jiehu hsiebu.

NHAR is-Sibt, 3 ta' Novembru, 1979 rapprezentanti tal-Association kellhom laqgha mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn gie diskuss:

1. *Twaqqif ta' Benefit Fund*

Wara li fl-ahhar laqgha tal-Kumitat Centrali gie appruvat it-twaqqif ta' Benefit Fund bil-flus li soltu johorgu mill-fond tal-Association ghall-parties tal-Milieċ, gie appruvat ukoll mill-Kummissarju, li tinghata s-somma ta' £M500 mill-General Fund ghal Benefit Fund.

# L-EFFIĊJENZA TAL-KORP TAL-PULIZIJA

MATUL dawn l-ahhar xhur intqal u inkiteb hafna diskors dwar il-Korp tal-Pulizija li barra milli jista' jkollu effett fuq il-moral tal-membri tieghu, jista wkoll idahhal xi dubbji f'imhuh iccittadini dwar l-efficjenza tal-Korp. Ahan nemmnu li l-Korp ghandu jkollu l-akbar stima u rispett mill-kommunita u dan ma jistax isehh kemm il-darba jkun hemm dawn id-dubbji. Qeghdin ghaldaqstant nippubblikaw siltiet minn diskorsi fil-Parlament li saru dan l-ahhar:

**Il-Prim Ministru D. Mintoff:**

Il-Prim Ministru waqt seduta tal-Parlament tat-28 ta' Novembru 1979 qal li l-akbar certifikat lill-Pulizija kien ghamlu Dr. G. Borg Olivier fejn qal li dawn huma efficjenti u ta' livell gholi hafna.

Il-Prim Ministru kompla jghid li l-ebda Kummissarju fid-dinja anqas fil-pajjizi totalitarji u dittatorjali ma hu ser jaghti rizultati mija fil-mija u jiggarantilek li mhu se jigri xejn qatt ahseb u ara f'pajjizi demokratiku u bil-mezzi u bil-mezzi u f-cirkostanzi li ghandna ahna. Il-Prim Ministru qal ukoll li l-Kummissarju tal-Pulizija huwa wiehed mill-aktar Kummissarji efficjenti li qatt kellna.

Dr. G. Borg Olivier

"Veru li kultant dak li jkun jista' jkollu konflitt ma' xi membru tal-pulizija individwali. Imma l-livell tal-Pulizija f'Malta huwa wiehed gholi hafna u efficjenti. Dan qed nghidu ghax inhoss li huwa fl-interess ta' Malta li nghidu".





2. *Dinner Dance flok is-soltu Ballu*

Mizura ohra biex ma jintefqux hafna flus mill-fond tal-Association hija li ma jigix organizzat il-ballu u minfloku jsir Dinner Dance. Sakemm kien qed jithejja dan il-magazine ma kienx ghadu ltaqa' l-Kumitat biex jigi deciz minn jista jattendi ghal dan il-ballu barra l-membri tal-Korp. Huwa mistenni li jekk il-konkorrenza fost il-membri tal-Korp ma tkunx kbira, allura nistghu naccettaw xi pensjonanti.

Dettalji dwar dan id-dinner dance johorgu f'cirkolari aktar tard.

3. *Get together ghall-Pensjonanti*

Gie wkoll appruvat li din is-sena, bhas-sena l-ohra, jerga jsir il-get together ghal ex-membri tal-Korp. Id-data tigi mhabbra aktar tard u se tintbaghat stedina lil kull pensjonant li ghadu membru fil-Mutual Help Association. Dan se jsir ghaliex indirizzi ta dawn l-ex membri biss ghandna, izda ahna ghandna pjacir bil-membri l-ohra ghalkemm ma baqghux membri fil-Mutual Help Association. Dawn jistghu jcemplulna jew jiktbulna biex ahna nibghatulhom stedina.

# WE'LL BRING THE ROOF DOWN







**DON'T LET** your ceiling get on top of you.

Call **Marsa Plastics Ltd — the Suspended Ceiling Specialists** and walk tall. Not only will we put you a first class suspended ceiling on your head with the minimum of fuss and bother but we'll leave you free to get on with other things while we do it.





All you have to do is tell us what you want and when we'll do the rest.

Scaffolding, Labour, Materials — we'll supply the lot.

*Call the Specialists for Free Estimates*

A LARGE VARIETY OF MOLDED DECORATIVE CEILING TILES CAN BE VIEWED AT

*Marsa Plastics Limited*

Industrial Estate Marsa (Near Car Assembly)

# ID-DROGI F'MALTA.

MINN L.J. Spiteri, M.D., B.Sc., D.Bact. (Manch), Ph.C., D.T.M.H. (L'Pool), F.R.C. Path. (Lond).

GEJT moghti permess mit-tabib principali tad-dipartiment tas-sahha biex mikkolabora mal-Pulizija u nikteb sensiela ta' artikli fuq il-problema tad-drogi f'Malta, ghall-magazin "Il-Pulizija". Jiena lqajt bil-ferha din l-istedina bit-tama li dan it-taghrif siewi mhux biss iservi ghall-membri tal-korp tal-pulizija, imma jkun mezz ta' edukazzjoni ghall-Maltin kollha u b'mod specjali ghall-istudenti u zghazagh li jiffurmaw is-sinsla tal-gejjieni ta' Malta.

*Tezisti 'l-Problema tad-Drogi?*

Minghajr tlaqliq nirrispondi "IVA" u ser nghid ghaliex u nhalli fil-gudizzju taghkom jekk taqblux jew le.

Fis-sena 1968 gie f'Malta Dr. A.S. Curry M.A., Ph.D., F.R.I.C., M.C. Path. (Lond.) li kien direttur tal-Home Office Central Research Establishment, Aldermaston, Reading, Berkshire, l-Ingilterra. Dr. Curry huwa awtorita mondjali fl-analisi tad-drogi u ismu huwa maghruf fid-dinja kollha, minhabba l-kotba u artikli li kiteb fuq l-analisi tad-drogi.

Jien kelli l-unur u l-pjacir li nsir nafu u nahdem meighu fis-sena 1967 meta mort Aldermaston. Meta gie Malta fil-bidu-tal-1968 staqsieni jekk f'Malta kellniex il-problema tad-drogi, u jien minghajr tlaqliq, billi fhimt ghal liema drogi kien qed jirreferi, irrispondejtu "Le".

Dr. Curry baqa' skantat u ghaddejna l-isbah serata nitkellmu u niddiskutu ghaliex dan il-problema kien ghadu ma lahaqx lil Malta, meta dan il-problema kien ta' thassib serju kwazi fil-pajjizi kollha tad-dinja nkluza l-Ingilterra u l-Amerka.

Fis-sena 1968 dan il-problema beda jerfa rasu, infatti jien gejt mitlub naghmel xi 12 l-analisi ta' drogi. Seba kazi kienu fuq l-alkohol jew spirtu, il bqija kienu Barbiturati, Amitriptiline, Amphetamine, Caffeina u Cannabis (Haxixa jew qanneb Indjan).

Meta Dr. Curry kien qed jitkellem fuq id-drogi ma kienx qed jirreferi ghall-alkohol, ghax dan huwa problema mondjali, imma biss ghall Barbiturati, Amphetamine, Cannabis, Amitriptiline, oppju, kokaina, ecc.

Kif taraw mill-lista li tajt jien, fis-sena 1968 kellna biss erba' kazi u wiehed biss minnhom kien tal-Cannabis.

**Fis-sena 1978, jigifieri ghaxar snin wara l-migja ta' Curry f'Malta, kellna mhux anqas minn 49 kaz ta' persuni li tressqu l-qorti jew li gew maqbuda mill-pulizija fuq il-haxixa biss, u 39 fuq drogi ohra.**

Altru li jezisti l-problema tal-abbuz tad-drogi kif se naraw aktar il-quddiem b'mod aktar car.

*Problema serju*

Dan huwa problema li jinhtieg jittiehed bl-akbar serjeta jekk irridu li f'Malta taghna ma narawx l-istragi li qeghda ssir bid-drogi f'pajjizi aktar sinjuri minnha — bhal l-Ingilterra, Amerka, Svezja u ohrajn. F'dawn it-tlett pajizi li semmejt jigu vvutati miljuni kbar ta' liri kull sena biex jikkontrollaw dan il-problema serju ta' pajjizhom.

Fis-sena 1970 meta f'Malta l-problema kien ghadu biss qed jibda, fl-Amerka gew ivvotati 403 miljun dollaru fi zmien tlett snin dwar studju fuq il-problema tad-drogi, u kwazi nofs din in-nefqa saret biex il-poplu jigi edukat fuq id-drogi u fuq programmi biex jigu kkurati nies li jinsabu vittmi tad-drogi f'centri apposta.

Dr. Tim Lee Carter, membru tas-sottokumitat ta' dan il-vot qal: "Nassigura lill-membri kollha tal-professioni medika u lix-xjenzati, li x-xoghol ta' dan il-kumitat fuq id-drogi b'ebda mod mhu ser jolqot jew jaghmel hsara jew ikun ta' toqol zejjed ghalihom u ghall-pazjenti taghhom".

Is-sahha hija responsabilità ta' kullhadd — awtoritajiet, tobba, pulizija, knisja, familja u individwi.

Il-Gnus Maqghuda tant jinsabu inkwetati b'dan il-problema universali li jivvutaw mhux inqas minn zewg miljuni liri sterlini fis-sena sabiex jittiehdu passi ghall-kontrol internazzjonali tad-drogi fuq bazi internazzjonali.

Anke f'Malta ma bqajniex lura u minn sena ghall-ohra permezz ta' ligijiet ghaqlin irnexxilna biex nikkontrollaw bmod sodisfacenti l-abbuz ta' *certi drogi kif naraw* aktar il-quddiem.

*X'nifhmu bil-kelma drogi?*

Id-drogi huma sustanzi kimici li jigu wzati mit-tobba ghall-kura ta' mard, jew biex inaqqsu l-ugih u inkonvenjenzi ohra ta' mard fiziku jew mentali. Izda meta nitkellmu fuq drogi bhala PROBLEMA, ahna nifhmu li dawn is-sustanzi kimici jkunu qed jigu abbuzati, billi jinbieghu minghajr il-kontroll u r-ricetta tat-tabib u ghal skopijiet mhux ta' kura ghall-mard.

It-tabib celebri William Osler kiteb: "Il-bniedem ghandu kilba kbira ghall-medicini . . . ix-xewqa li jiehu xi medicini hija wahda mill-kwalitajiet li tiddistingwi l-bniedem mill-annimal. Verament li hija wahda mill-akbar diffikultajiet serji li t-tobba jridu jhabbtu wicchom maghha".

Dan inkiteb fis-sena 1894. Il-lum minghajr ebda dubju nistghu nghidu li l-bniedem kwazi impossibli li jikber u jixjieh minghajr ma jigi bzonn li jiehu xi medicinali u anke hawn jista jsir abbuz, ghax malajr wiehed jidhra jibla l-pilloli, jissuggerihom lill haddiehor jew jibqa jehodhom meta ma jkollux bzonnhom aktar.

Jien b'ebda mod ma rrid nesagera u naccertakom li wara li taqraw u tistudjaw sewwa din is-sensiela ta' artikli fuq id-drogi, tintebhu b'veritajiet cari daqs il-kristall li huma dawn li gejjin:-

1. Malta llum permezz tal-gurnali, radju u televizjoni saret haga wahda mad-dinja u allura kwalunkwe problema li jinsab fid-dinja moderna jinsab f'Malta wkoll.
2. Zewg problemi kbar tad-dinja kollha huma l-vjolenza u d-drogi. F'Malta dawn kibru fl-ahhar snin u qeghdin dejjem jikbru.
3. F'Malta l-problema tad-drogi ghadu fi stadju li jista u ghandu jigi kkontrollat dejjem ahjar u aktar milli qed isir illum.
4. Diga' mexjin biex dan il-kontroll isir perfett.
5. Jinhtieg li kulhadd jikkolabora biex inxejnu l-problema tad-drogi u Malta tkun xempju ghad-dinja kolla **kif wiehed jirnexxielu jsolvi dan il-problema serju.**

# SINGER

## the practical way to save money




Available at the Singer
Sewing Centres: Valletta;
Sliema; Birkirkara; Hamrun;
Paola; Cospicua; Zejtun and Victoria, Gozo
and from all Dealers.

**SINGER** takes the trouble to save you trouble

# PULIZIJA EDUKATTIVA

## minn Dun Peppin.

FID-DINJA, fiz-zminijiet, fl-ideologija u fic-cirkustanzi tal-lum, ma nistghux nghaddu minghajr Pulizija. Huma parti integrali u inqisha jien, sustanzjali mill-amministrazzjoni tal-pajjiz.

Fil-prtattika, hafna drabi jistghu jsiru l-aqwa ligijiet; nistghu jkollna Ministru u Parlamentari bl-aqwa volonta' tajba; nistghu jkollna Qrati organizzati perfettissimament ... jekk ma jkollniex Pulizija organizzata u ffurmata tajjeb ta' Pulizija li hi, dawk l-affarijiet jitilfu hafna u hafna mill-valur taghhom, biex ma nghidx li fil-prattika jigu ma jiswew xejn jew jiswew ftit wisq.

*Formazzjoni adegwata*

Dan jitlob li l-Pulizija jkunu ffurmati altru li tajjeb. Ma nifhimx nghid ghall-persuna "fizika", jigifieri li jkunu tant metri u centimetri tul u tant kilos piz. Il-figura fizika hija pjuttost simbolika, fis-sens li ghal min ma jifhimx wahdu, tista' tfissirlu li l-Pulizija hija s-sahha ezekuttiva tal-ligi. Fir-realta', jista' jkollok Pulizija daqs iljunfant u jkun tajjeb biex jilghabu t-tfal bih, bhala GAMBO, waqt li jista' jkollok Pulizija daqs xadin zghir, izda jlehhaqlek u jikkontrollalek foresta shiha ta' tigri, iljuni u ljunfanti.

L-izjed importanti fil-Pulizija hija l-formazzjoni "morali": l-formazzjoni, jigifieri, li tizviluppalu l-fakultajiet u l-kapacitajiet tieghu persunali (intellettwali u korporali), b'mod li taghmlu kapaci jiehu hsieb tassew l-ezekuzzjoni tal-ligijiet li jkun ghamel il-Parlament u/jew ta l-ordnijiet li jkun ipprezentalu l-Ministru tieghu ghall-gid komuni u ghall-buon ordni fis-socjetà.

Hawnhekk titfacca wehidha l-importanza li fuq kollox u qabel kollox, il-Pulizija jrid jigi mghallem, iddottrinat u konvint mill-htiega tal-osservanza tal-ligi, bhala osservanza, li minghajrha s-socjetà tibqa' qisha merhla zbandata, merhla bla raghaj, li ma tasal qatt, jew tasal bi tbatijiet kbar ghall-gid komuni li ghalih u mhabba fih tkun saret il-ligi.

*Etika*

F'dan il-qasam, il-Pulizija jrid ikun iffurmat b'mod, li jilmah u jxomm mill-ewwel fejn ikun hemm ksur tal-ligi, biex dak il-ksur jilqaghlu bill-bidu u ma jhallihx isir gerha kbira, li tkun tista' tikkankra, tmarrad u toqtol is-socjeta'. Ghalhekk, mat-taghlim tal-ligi, il-Puliija ghandu bzonn ikun imharreg imqar fl-elementi principali tal-psikologija jitrawwem ikun "keen observer" (sindikatur tajjeb, fin u 'brukkun'), biex isalva l-hsarat qabel isiru.

Mat-taghlim tal-ligi, il-Pulizija ghandu bzonn ikun imrawwem ukoll fl-etika socjali, independentement minn din jew dik ir-religjon specifikata, la darba qeghdin nghixu f socjeta' pluralistika. Irid ikollu idea kemm jista' jkun ezatta tas-Socjeta'; ta' l-ghaqda li

minghajrha ma tinghata ebda vera socjeta': u ta' l-importanza tal-ligi u l-awtorita', minnhom iridu johorgu l-holoq li jghaqqdu socjeta', u tad-drittijiet u dmirijiet persunali u principali tac-cittadin.

Illum mghadniex hamsin, sittin sena ilu, meta kienet bizzejjed ix-xbiha "somatika" (tul u hxuna) tal-Pulizija, biex ifakkar lill-kontravenzjonisti kbar u lit-tfal imqarbin fl-ezistenza tal-ligi. Il-lum kollox isir bi studju, kollox isir "xjentifikament", kollox isir intelligentement. Il-Pulizija jridu jkunu "grieden, biex jikkontrollaw il-grieden": Pulizija fidil u bahnan twajjeb u "minn taghna", huwa, ghalija xbiha stupida u assurda ta' Pulizija.

*Ghal kuljum*

Dan kollu nghidu minhabba l-missjoni edukattiva li ghandu l-Pulizija. Hekk inhoss li ghandna nqisuh lill-Pulizija, bhala "edukatur", bhala dak il-bniedem mghallem u mrawwem apposta, biex jaghraf u jaqbad lil dawk li bit-trasgressjonijiet tal-ligi jheddu l-gid tal-kommunita', halli b'hekk iharsu lil din il-kommunita' fil-hajja civili, progressiva u moralment tajba li hija trid tghix.

Xoghol il-Pulizija huwa xoghol **ta' kuljum**. Ma nitkellmux ghall-ksur gravi, kbir u serja tal-ligi. li ghall-grazzja t'Alla mhux komuni zzejjed. Nitkellem ghan-nuqqasijiet li jissejhu zghar izda li fl-istess hin izommu socjeta' **indixxiplinata, bi bnedmin dixxiplinati, edukati u ffurmati tajjeb ma jghixux trankwillament fiha.**

Ghaliex ma niddixxiplinawx lill-poplu anki f'affarijiet li jissejhu zghar, izda li huma importanti hafna ghad-dixxiplina u ghall-andament tajjeb tal-pajjiz?

Dan l-ahhar hadt pjacir naqra kemm il-Pulizija qabdu nies ipejpu fit-Talkies u fuq il-karrozzi tal-linja. Huma affarijiet zghar, izda huma affarijiet bhal dawn ukoll li jiddixxiplinaw lill-poplu. Ghandna bzonn ghalhekk inzidu hafna l-Pulizija. Ghall-edukazzjoni diretta tal-poplu, forsi jekk ikunu nisa, ikunu ahjar.

Ma jhallux "bullies" jaghtu fastidju wkoll lill-onesti. Ma jhallux "bullies" ipejpu u jbiddlu s-swali tat-talkies fi briedel. Ma jhallux min ihammeg postijiet pubblici. **Jikkumbattu kemm jifilhu d-dagha, l-ikbar pastazata, li qieghda tpingi bhala pastaz lill-poplu malti.** U tant affarijiet ohra, li bihom nedukaw lill-poplu niddixxiplinawh u ghax niddixxiplinawh, naghmluh izjed effettiv ghall-hajja interna u domestika taghna u naghmluh izjed attrattiv ghall-barranin, halli dawn ikomplu jizdiedu u jkomplu jimlewlna l-kaxxa nazzjonali bil-flus li jkallulna warajhom.

**Basta l-pulizija jaqdu dmirhom.** Ghal dan l-iskop nissuggerixxi, li mill-multi li jindahlu minn fuq l-eluf ta' "minor offences" lill-Pulizija tigi moghtija frazzjoni ragjunevoli ghall-Fund ta' l-Assocjazzjoni taghhom. Ikun inkuraggiment ghall-gid tal-pajjiz kollu.

# BLUE SKY FURNITURE

BLUE SKY
FURNITURE

Valley Road, B'Kara, Tel: 491394
High Street, Hamrun, Tel: 27672



# GRISCTI'S

of Republic Street — Valletta

## THE EXPERT UNIFORM MAKERS

302, Republic Street, Valletta - Telephone 624566 - Telex 480 MINIAT

# AHBARIJIET INTERNAZZJONALI

*GERMANJA* — Tfal f'incidenti tat-traffiku

F'Malta in-numru ta' l-incidenti tat-traffiku fejn ikunu nvoluti tfal muhiex kbir, izda mhux l-istess fil-Germanja. F'dan il-pajjiz in-numru ta' incidenti tat-traffiku fejn kienu nvoluti tfal taht il-hmistax il-sena fl-1978 kien ta' 66,691 u 1,245 minnhom kienu kazijiet fatali. L-incidenti kienu maqsuma hekk: 37% fejn it-tfal kienu jimxu fit-triq (pedestrians); 33% fejn it-tfal kienu qed isuqu r-rota u 30% fejn it-tfal kienu jivvjaggaw f'karozzi.

In-numru globali ta' incidenti tat-traffiku ghall-istess sena kien ta' aktar min miljun.

*BELGJU* — Pulizija misruq

Sewwieq mghaggel li kien sejjer minn Leuver ghal Liege waqaf biex jaghti 'lift' lil wiehed ragel miexi fit-triq. Is-sewwieq kompla triqtu jsuq sewqan eccessiv u f'hin minnhom gie mwaqqaf min pulizija tat-traffiku. Il-pulizija, bhal ma jsir kullimkien, dar dawra mal-karozza biex jara fuqhiex se jharrek lis-sewwieq barra lis-speed, izda ma sab xejn kontra l-ligi u ghaldaqstant iddecieda li jaghti 'ticket' lis-sewwieq minhabba sewqab eccessiv. Is-sewwieq beda jirrabja, izda l-iehor li kien fil-karozza qallu: "tikkonfondix, il-pulizija ma jistax jaghtik ticket". "Ghaliex"? staqsa s-sewwieq. "'Ghax hadtlu l-ktieb tat-tickets". Dak li kien ha l-lift kien pickpocket ghadu hiereg mill-habs.

*INGILTERRA* — Bolol bil-pulizija

Fis-26 ta' Settembru hareg ghal bejgh sett ta' erba' bolol biex ifakkar il-150 anniversarju tal-Metropolitan Police. Il-filatelisti jafu li settijiet b'suggetti ta' pulizija rari johorgu, ghaldaqstant dawn il-bolol se jkunu mfittxija mid-deletanti tal-bolol.

Il-bolol gew disinjati minn Brian Sanders li f'dawn l-erba' bolol huwa ridt iwassal messagg dwar ix-xoghol tal-Pulizija ghas-socjeta.

Fl-ewwel bolla ta' 10p naraw pulizija fuq il-beat jitkellem mat-tfal; fl-ohra ta' 11½p jidher pulizija jidderigi t-traffiku; f'dik ta' 13p tidher pulizija mara rikba z-ziemel u fl-ohra ta' 15p tidher lanca tal-pulizija tat-Thames Division.




*ITALJA* — Qtil ta' l-Imhallef Cesare Terranova

Imhallef Sqalli, maghruf ghal hidma tieghu biex jitfa l-habs qattiela tal-Mafia, gie maqtl flimkien mal-body guard tieghu f'Palermo fil-25 ta' Settembru 1979.

L-imhallef Cesare Terranova ta' 58 sena u -Surgent tal-Pulizija

Lenin Mancuso ta' 57 sena gew maqtula meta l-imhallef kien hiereg mid-dar tieghu u gew sparati tiri ta' armi tan-nar u hu mifhum li dawn gew sparati minn membri tal-Mafia.

*INGILTERRA* — Xiri ta' helicopter mill-Metropolitan Police

Wara li l-awtoritajiet tal-avjazzjoni civili ta' l-Ingilterra ddeciedew li ma jhallux aktar helicopters itiru fuq Londra hlief dawk 'twin engined', il-Metropolitan Police se tibda taghmel uzu mill-helicopter taghha 'Bell 222' li jesa 8 min nies u li jiswa £550,000.

Sa ftit taz-zmien ilu, l-Metropolitan Police kienet taghmel uzu min kwalita ta' helicopters ohra li kienu jigu mikrija biex issir sorveljanza tat-traffiku kif ukoll biex jigu mfittxija nies kriminali li kienu jaharbu b'xi vettura. Matul l-1978 gew maqbuda 339 persuna permezz tal-helicopter u dan wassal ghad-decizjoni li l-Pulizija jkolla l-helicopter taghha.

*IRLANDA* — l-R.U.C. se jizdied b'1000 ruh

Il-Korp tal-Pulizija ta' l-Irlanda ta' fuq, Ir-Royal Ulster Constabulary mistenni jizdied b'1000 ruh ohra ghaz-zamma tal-bon ordni fil-pajjiz.

Dan il-Korp illum kompost minn 5,797 pulizija rgiel u 639 pulizija nisa. Huwa ttamat li dan in-numru ta' pulizija l-godda jintlahaq wara sentejn u nofs.

# IC-CERIMONJA TAD-DBERIK TA' L-OQBRA TAL-EX MEMBRI TAL-PULIZIJA.




Nhar il-Hadd 4 ta' Novembru 1979 fic-cimiterju tal-Addolorata saret is-soltu cerimonja tal-oqbra tal-ex membri tal-Pulizija midfuna fl-oqbra li l-Korp ghandu f'dan ic-cimiterju.

Ic-cerimonja bdiet bl-immarcjar ta' kontingent tal-Pulizija minn hdejn il-bieb principali tac-cimiterju sa fuq l-oqbra li gie mdawwar mill-membri ta' l-istess kontingent.

Wara sar qari tal-Vangelu mill-Kappillan tal-Pulizija, Dun Fortunat Cachia u kien hemm kant religjux mit-tfal ta' l-Istitut ta' San Guzepp tal-Hamrun.

Wara d-dberik tal-oqbra tpoggew zewg kuruni tal-fjuri mal-monument li hemm fuq l-oqbra, wahda mill-Kummissarju tal-Pulizija, s-sur J.N. Cachia f'isem il-membri kollha tal-Korp u l-ohra mic-Chairman tal-Assocjazzjoni tal-Pulizija s-Surgent Michael Marshall f'isem l-Assocjazzjoni tal-Pulizija.

Ghal din ic-cerimonja attendew diversi membri u ex-membri tal-Korp kif ukoll familjari ta' ex-membri tal-Korp midfuna f'dawn l-oqbra, kif ukoll ghad ta' nies li kienu qed izuru c-cimiterju.

F'messagg generali lill-Korp, il-Kummissarju heggeg lil membri tal-Korp sabiex jattendu ghal din ic-cerimonja li tista tghid hija l-unika tislima li l-Korp jaghti lill-ex membri mejtin tieghu.

Ta' min isemmi li din ic-cerimonja ilha ssir sa mill-1932 — is-sena li fiha twaqqaf il-monument li hemm fuq l-oqbra.



# POLICE AND DENTISTS FIND INSTANT IDENTITY TECHNIQUE.

AUSTRALIAN dental and police scientists have developed a faster, more accurate method of identifying bodies.

The technique, developed by the Dental School of the University of Adelaide and the South Australian Police Department, was demonstrated in May 1978 at a meeting of the International Association for Forensic Odontostomatology at Wichita, Kansas, United States. The technique quickly assures the identification of a body by superimposing the videotaped image of its skull over the videotaped image of a photograph of the dead person taken during life.

The idea of superimposing a photograph of a skull over a person's photograph in order to establish identification is not new. The precedent of such evidence in court goes back to 1935. However, this process can take weeks of trial and error to produce a negative of the skull, photographed from precisely the same distance and angle as the photograph taken when that person was alive.

By lining up one video camera on the person's photograph, a second video camera on an actual skull, and then merging the two pictures on a television screen, an hour or so of camera and object manipulations will tell whether matching images can be produced.

In attempting a match with ordinary cameras, hundreds of individual photographs sometimes have to be taken before correct distances and accuracy of angles within less than two degrees in each of the three dimensional planes, can be achieved.

The manager of the University of Adelaide's Dental School, Dr Kenneth A. Brown, who explained the new technique to the forensic experts at the Wichita meeting, said it had the advantages of speed and indisuptable accuracy. "Not only would it save a police department a lot in overtime claims, but in court a videotaped presentation of the matching of images can be made along with hotographs of the blending process at various stages so that a jury can see how the matching was achieved. What is more, a negative or a photograph can be retouched. You can't retouch a television image."

Dr Brown, who studied forensic odontology in Europe and America, lectures on the subject and has worked on many identification cases in Australia and overseas since 1972. With Senior Constable First Grade Cecil Hollamby, he developed the video camera technique during a murder trial in Adelaide in 1977. "Known as the Holland case, it is to my knowledge the first and only occasion that any such technique has been recognised in court records anywhere in the world," Dr Brown said.

**Murder conviction**

During the trial of a man, since convicted of the murder of one of the sons of a Mrs Holland, the judge, prosecutor and defence counsel saw a videotape of how the skull of Mrs Holland, which



Dr. Brown with Constable Cecil Hollamby of South Australia police.

had lain for months in a rubbish tip, was matched to a head-and-shoulders photograph of her taken shortly before her death.

Dr Brown said the videotape had been used to demonstrate why the police were ready to charge the defendant with the murder of Mrs Holland if he were not convicted of the murder of her son. He said the new technique could be used quickly and easily to settle claims on insurance companies by people making conflicting identifications of a body.

Dr Brown added: "One of cur most interesting identificaticns was of a man whose remains had been in a blast furnace for six weeks. We put together pieces of the skull, collected individual teeth, checked chemical residues in cavities against the dental history of the suspected victim, and established his identity beyond doubt when the reconstructed skull matched perfectly every asymmetrical feature of a photograph of the man taken the year of his death."



How a photograph of Mrs. Holland was matched with the skull.





# CROWN COLD STORES LTD.

**(Inc. J. & L. Muscat)**

Marsa and Ta' Xbiex — Malta
Tel: 35842-30045-31489
Cables: CARMELMUS
Telex: MW 325

BEEF & LAMB
STRIPLOINS
CUBEROLLS
EYEROUNDS
SHORTLOINS
TENDERLOINS
VEAL LEGS
LAMB LEGS
LAMB LOINS

VEGETABLES
GARDEN PEAS
BRUSSELS SPROUTS
BEANS WHOLE
BEANS SLICED
BROCCOLI
MIXED VEGETABLES
CORN ON COB
ASPARAGUS SPEARS

FISH
SALMON WHOLE — FRESH
SALMON SMOKED-SIDES & SLICES
RAINBOW TROUT
SHRIMPS COCKTAIL
PRAWNS KING SIZE
LOBSTER TAILS
DOVER SOLES
LEMON SOLES

POULTRY & GAME — CHICKEN GRADE A — CHICKEN DRUMSTICKS — DUCKS — TURKEYS — GEESE

Purveyors to
**Hotels,**
**Catering Establishments,**
**Government Institutions**
**& Ship Stores**

# DINNER DANCE

Fis-26 ta' Dicembru 1979
fit-8 p.m. fil-Ballroom
tal-Hotel Phoenicia,
ghall-membri tal-korp,
tfal u hbieb taghhom.
Prezz: £3.00
Biljetti mill-Ufficcju
tal-Association.

# "GET TOGETHER"

Ghall-ex-membri
tal-Korp fit-28 ta'
Dicembru 1979
fil-Kwartieri Generali
tal-Pulizija.

# DOMINE DIRIGE NOS

**RIFLESSJONI GHAL KULL XAHAR**

Min Hu Kristu Għalija?
Huwa l-għajn u l-bidu
tal-ħajja
li l-missier tani naqsam
miegħu Bih.

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjoni tal-Mutual Help Association kienu ghall-imsemmija ex-membri tal-Korp li hallew din id-dinja dan l-ahhar:



ex-Surgent Nru. 385 Carmel Farrugia



ex-Kuntistabbli Nru. 99, Joseph Schembri



ex-Spettur Saviour Aquilina



ex-Surgent Nru. 424 Francis Calleja

# BEAT HIGH FURNITURE PRICES!

PRICES YOU NEVER THOUGHT POSSIBLE

BUILD-A-KIT FURNITURE IS SPECIALLY DESIGNED FOR EASY HOME ASSEMBLY. YOU DON'T HAVE TO BE AN EXPERT AS WE PROVIDE STEP BY STEP DIAGRAMS.

OTHER BUILD-A-KIT ITEMS ARE: DRESSING TABLES; CUPBOARDS; DESKS; HI-FI CABINETS AND WALL UNITS.

Take it right away, in easy-to-carry-home flatpacks



NOW IN STOCK

*Come and see all our* Build-a-kit *ranges for every room in your home at*

amara **FURNITURE CENTRE – PIETA** *(Near ta' Braxia) – Tel: 22529*

*WE REALLY LIKE TO HELP OUR CUSTOMERS!*

# PROTECT AGAINST FIRE AND BURGLARY WITH A CHUBB SAFE

**The famous firm of Chubb have manufactured this safe especially for the smaller office or business. The Chubb Commerce Quality Safe resists burglars and fire too. It offers strong protection against attack by explosives and drill, and is competely surrounded by Chubb fire-resisting material, tested and approved by independent authorities. For a reasonable price the security of a Chubb Safe can be yours. Come and see the Chubb Commerce Quality Safe.**

**(Possibly a Chubb Wall Safe will serve your needs. Why not come and see that too?)**




## PHILIP TOLEDO LTD

NOTABILE ROAD
MRIEHEL – MALTA
TELEPHONE: 44747–45566
CABLES: MEDIA–MALTA

Please send me your Free details about Chubb Safes

Name ____________________

Address ____________________

____________________

# Dwar L-Imghoddi

### IL-FANALI FIT-TOROQ

FL-IMGHODDI d-dawl fit-toroq kien permezz ta' fanali tal-pitrolju li kienu jitwahhlu mal-hitan u li kienu f'idejn kuntrattur. Dan il-kuntrattur kellu l-obligu li barra milli jqabbad in-nies li jixghelu u jitfu dawn il-fanali ta' kuljum, ried ukoll jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-fanali u tal-arbli li kienu jitwahhlu maghhom.

Il-fanali kienu jinxtghelu nofs siegha wara nzul ix-xemx u jintfew sigha qabel tlugh ix-xemx (fisa-sajf), u nofs siegha qabel tlugh ix-xemx (fix-xitwa). Kienet ukoll tohrog 'Time Table' darba f'sena bil-hinijiet ta' x'hin kellhom jinxtghelu u jintfew dawn il-fanali. Fix-xahar ta' Ottubru, per ezempju, dawn il-fanali kienu jinxtghelu hekk: Bejn l-1 u l-15 ta' Ottubru — mis-6 ta' fil-ghaxija sa l-ghada fis-6.30 ta' fil-ghodu. Bejn is-16 to t-30 tal-istess gahar mill-5.30 ta' fil-ghaxija sal-ghada fis-6.45 ta' fil-ghodu.

Fejn kienet tidhol il-pulizija? Il-Pulizija kellha l-obligu li tara li l-fanali kienu qed jinxtghelu fil-hinijiet mitluba u jekk dan ma kienx isir kien jintbghat rapport lill-ufficjal inkarigat mid-dwal tat-toroq fid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Il-Pulizija kellha wkoll l-ismijiet u l-indirizzi ta' dawk in-nies imqabbda mill-kuntrattur biex jixghelu dawn il-fanali u meta xi fanal kien jintefa matul il-lejl, il-Pulizija kienet tmur tinforma lil min kien inkarigat u dan kien imur jixghelu. Meta kien jinstab xi hsara fil-fanali kien jintbaghat rapport lill-ufficjal inkarigat li semmejna.

Darba fix-xahar il-Pulizija ukoll tibghat rapport dwar il-fanali kollha li inxteghlu fid-diversi bliet u rhula ta' Malta b'dettalji dwar jekk il-fanali inxteghlux jew le, inxteghlux tard, kellhomx dawl tajjeb, kienux mahmuga, ecc.

Alla hares baqghu dawn l-imberkin fanali ghaliex kieku x-xoghol kollu tal-pulizija kien ikun rigward id-dwal fit-toroq.

# APPRECIATIONS

This letter was sent by the Hon. Minister of Health, Dr. V. Moran, M.D., M.P. to the Commissioner of Police:

Dear John,

Please accept my heartfelt thanks to you and to the officers and members of the police force for the excellent work done during the inauguration of the Karin Grech Hospital on Sunday, 11th November.

I am fully conscious of the extra volume of work which such an event added to the normal routine but I was pleased to note that all arrangements were excellent throughout.

Special mention should be made of the work done by Inspector Peter Cordina and his staff in connection with the traffic arrangements both within and outside the hospital complex. The music provided by the Police Band Group on the opening day was enjoyed by all those who visited the hospital.

I should be grateful if this note of appreciation be brought to the notice of those who in some way or other helped to make the event a success.

This letter was sent by Mr. G. W. Ford, Managing Director (Overseas), Dar il-Mediterran Ghal Konferenzi, Valletta, to the Commissioner of Police:

Let me say that on the occasion of the visit of the President of Senegal to the Mediterranean Conference Centre, every Section of the Police Force conducted itself admirably and played a most helpful part in securing the smooth running of the complex event. Everyone to whom I spoke expressed appreciation of your Force.

I would be grateful if our thanks could be transmitted to the Security and Traffic Control Section and to the Police Band.

### MILL-IMGHODDI

RITRATTI tal-Berga ta' Kastilja mhux l-ewwel darba li rajtu u llum qed taraw iehor mehud madwar hamsin sena ilu. Bhal dejjem li jinteressana f'dan ir-ritratt huwa l-Pulizija li narawh fin-nofs jidderigi t-traffiku. Illum flok it-'traffic island' li tidher fir-ritratt, nsibu l-monument ta' Manwel Dimech. Kif ghidna, l-pulizija kien jidderigi t-traffiku minn fuq din it-'traffic island' u skond ordnijiet antiki li ltqajna maghhom sirna nafu li l-pulizija ma kienx jaghmel ghassa ghal aktar min satejn fuq din it-'traffic island' ghaliex kien jigi mibdul.

Osservazzjoni zghira fuq is-sigra (fuq il-lemin). Din is-sigra llum ghada hemm, ghad li rdupjat fil-kobor taghha.



For the housewife who knows what's best for her......

**APLAN** offer the widest selection ever of

# Siemens








FRIDGE/FREEZERS

Hi-Fi three-in-one Music Center, Radio Cassette Recorders and other household appliances made in West Germany.

At APLAN you get a guarantee of quality and value plus the benefit of efficient aftersales service.

MSIDA SEAFRONT
MSIDA. Tel. 38434/36556

TESTAFERRATA
STREET,
MSIDA. Tel 38434/36556

ST. PAUL STREET,
COSPICUA. Tel. 24535

We always have space for you no matter what size...

...through our groupage system.

We accept any proportion of containerised space grouped in our containers from the U.K. and Italy to Malta and vice-versa.

**CONCORDE SHIPPING LTD**
'Contir House', Ninu Cremona Street, Paola.
Tel. 23848, 22594.






## NGHALLMU LIT-TFAL — *Meħuda mill-Kodiċi dwar it-Traffiku fit-triq*

**Is-sinjali ghat-traffiku**

F'Malta s-sinjali prezenti tat-traffiku huma bbazati fuq il-kodici tal-Konvenzjoni ta' Ginevra tal-1949 li hija wzata hafna fuq il-kontinent.

Dan il-kodici jikkonsisti fi tliet kategoriji ta' sinjali — Sinjali ta' Twissija, Sinjali Regolatorju u Sinjal Informativ. Kull kategorija ghandha l-ghamla, l-lewn u l-format taghha karatteristika bil-messag tas-sinjali kondensat f'simbolu f'ghamla ta' stampa. F'kazijiet xierqa, l-messagg jista jigi supplimentat, jew l-applikazzjoni tieghu definita, permezz ta' kitba qasira fuq pjanca zghira mdendla mas-sinjal tat-traffiku.

Huma permessi varjazzjonijiet zghar, sakemm dawn ikunu jaqblu ma' l-ispirtu tal-kodici hawn fuq imsemmija, u xi whud mis-sinjali tat-traffiku f'Malta ghandhom infatti dawn il-varjazzjonijiet.

Filwaqt li sinjali tat-Twissija u dawk Informattivi huma mahsuba biex jghinu u jiggwidaw lil min isuq vettura bil-mutur, is-sinjali Regolarji jimponu obbligi definiti. Is-sinjali Regolatorji jistghu jkunu jew (a) Projbitorji, jigifieri li jimpedixxu certi manuvri, jew (b) Obbligatorji, jigifieri li jimponu certi manuvri. Il-projbizzjoni tista jew tkun immedjata, f'liema kaz tapplika ghal punt wiehed jew kontingenza u l-applikabilita taghha tkun qieghda ssehh ghal bicca triq jew area u tibqa sakemm titnehha permezz ta' sinjal iehor f'dan is-sens.

*Sinjali internazzjonali tat-traffiku ibbazati fuq il-konvenzjoni ta' Ginevra ta' l-1949.*

1. *Sinjali ta' twissija*
   Liwja jew liwi perikoluz
   Salib it-toroq
   Salib it-toroq ma' toroq minuri
   Sinjal fejn tieqaf aktar 'il quddiem
   Triq ta' precedenza aktar 'il quddiem
   It-Triq tidjieq
   Pont dejjaq
   Triq
   Triq tizloq
   Telgha perikoluza
   Triq mhux lixxa
   Xogholijiet tat-triq
   Post ta' qsim ghall-
   PEDESTRIANS
   Tfal (Skola)







It-tfal qed jitghallmu is-sinjali tat-traffiku fl-Indja




They can forward your personal effects boxes and/or cargo, conventional or containerised to all destinations, at special rates, even to AUSTRALIA, CANADA, UK and USA.

When planning for your holiday in the most economical and practical way, use their Travelmatic Service for any of the following facilities:-

Insured Apex to and from UK. USA and CANADA.
WINDSOR TOURS or any other inclusive tour to and from principal European Countries.
SPECIAL FARES to Australia.

**Contact Sullivan & Sullivan Ltd., Malta's Cargo and Travel Experts...**

**Sullivan & Sullivan Ltd.**
**150, St. Lucia Street,**
**Valletta.**
Telephone: 624715, 625946 during office hours.
30560, 31628, 31778 after office hours and on holidays.



# DAI Trading Agency

**Kingsbridge Building**

**Msida Circus — Msida**

**Telephone : 37119**

(THE BIGGEST DOMESTIC ELECTRONIC PRODUCTS BUSINESS IN MALTA)

*Representing:*

SONY CORPORATION
JVC-NIVICO CORPORATION
CLARION COMPANY LIMITED
HITACHI CORPORATION
RISING COMPANY LIMITED
FUJITSU-TEN CAR STEREO
GOODMANS LOUDSPEAKERS LIMITED
TANNOY COMPANY LIMITED
B & W COMPANY LIMITED
SPENDOR COMPANY LIMITED

*assure their clients that they always keep in stock about 12,000 different items of spare parts and accessories. Efficient quick repair service of their products is also assured.*




GHAL darb'ohra rega' kellna l-isfortuna ta' kwazi kull bidu ta' stagun sportiv, fis-sens illi meta l-isportivi taghna jkunu bdew it-tahrig u jkun beda jidher xi progress, dejjem jinqala xi saram li minhabba x-xoghol zejjed li jgib mieghu, dan it-tahrig ikollu jieqaf hesrem. Meta x-xoghol jigi ghan-normal, dan it-tahrig ikun irid jerga jibda mil bidu, bil-konsegwenza illi, waqt li l-avversarji sportivi taghna jkunu lahqu certu livell kemm tekniku kif ukoll fiziku, l-isportivi taghna jkunu ghadhom jithabtu biex jilhqu l-livell mixtieq.

B'danakollu, la darba nkunu kkommettejna ruhna f'xi participazzjoni, bhal ma huwa l-kaz tal-Football u l-Basketball, ikollna naghmlu l-almu taghna kollu biex neghlbu dawn id-diffikultajiet (kif dejjem ghamilna). Dan huwa mertu ghal min jiehu hsieb u ghall-isportivi nvoluti, li meta gew mitluba, ma hasbuhiex darbtejn biex attendew ghal dan it-tahrig mill-hin taghhom, anke meta wara dan it-tahrig hemm hafna minnhom li kellhom jahdmu l-iljieli. Dawn is-sagrificcji jghejnu biex dak li nkunu dhalna ghalih, inkonpluh u dejjem nisperaw ghal zmienijiet ahjar.

**Basketball**

Meta kont qed nipprepara din il-pagna (fit-tieni gimgha ta' Novembru) il-players taghna tal-Basketball kienu regghu bdew it-thejjija taghhom ghall-impenji li ghandhom fit-Tielet Divizjoni tal-Basketball Association. Dan wara l-waqfien li kellna minhabba l-hafna xoghol li nqaghla f'nofs Ottubru.

Qabel dan il-waqfien, it-team taghna kien lahaq laghab erba' loghbiet ta' hbiberija li irbahnihom kollha. Dawn kienu:-
3/10/79 kontra St. Gregory B.C. li rbahna bl-iskor ta' 66-46 punt.
5/10/79 kontra Zebbug Anchor B.C. li ma tkomplitx sa l-ahhar minhabba hsara fid-dawl u li sakemm intlaghbet, konna qed nirbhu 21-20 punt.
10/10/79 kontra Gzira Golden Harvest li rbahna bl-iskor ta' 82-70 punt.
12/10/79 kontra Sliema Agfa li rbahna bl-iskor ta' 78-74 punt.

Dawn il-loghbiet saru kollha fil-GYM tal-HANDAQ u l-livell tal players taghna kien sodisfacenti.

Wara dawn il-loghbiet ta' hbiberija, it-team taghna kellu jiftah l-istagun fit-Tielet Divizjoni kontra Siggiewi B.C. izda wara talba li ghamilna lil B.W din il-loghba giet posposta ghal nhar l-Erbgha 14 ta' Novembru 1979. L-ewwel loghba kompetittiva tat-team taghna kellha tintlghab nhar is-Sibt, 10 ta' Novembru 1979. Rapport dwar dawn il-loghbiet kompetittivi u dwar ohrajn li jkunu lahqu ntlaghbu wara dawn id-dati, naghtijulkhom f'harga ohra.

**Football**

Il-problema li kellna fil-kaz tal-Basketball, naturlament effetwat ukoll il-Football.

Wara li konna bdejna bit-tahrig tas-soltu ghal skwadra maghzula mill-ahjar footballers li ghandna, kellna wkoll nieqfu minhabba x-xoghol li nqalalna.

Ix-xewqa tal-Kumitat Sportiv ghal din is-sena hija li jkollna skwadra kemm jista' ikun komposta minn players zaghzagh, ghalkemm in-numru ta' dawn fil-Korp huwa limitat ghaliex ilu ma jkollna reklutagg ta' nies godda li fosthom ikun hemm footballers. B'dankollu, il-bidu sar u qieghed isir process fit-team li jigu, bil mod il-mod eliminati il-players li lahqu certu eta'. Fost dawn, hemm Tony Sammut (93) u Edwin Pisani (1237) li ghazlu li jirtiraw mill-iskwadra ghax hassew li taw l-ahjar taghhom lit-teams taghna u li wasal iz-zmien li jhallu posthom ghal players aktar zaghzagh. Irrid niehu din l-opportunita biex f'isem il-Kumitat

TKOMPLI Pg.20



Fir-ritratt jidhru l-players taghna qabel wahda mil-loghbiet ta' preparazzjoni, f'diskussjoni tattika mal-Player Coach taghna LUCIAN ABELA.



P.S. Eddie Theuma



P.S. Dennis Caruana

**Commendation**

This general signal was issued by the Commissioner of Police after the 15th October incident at Castille in which a man tried to enter the Prime Minister's Office after holding up members of the Secretariat:

"I would like to commend the courage and devotion to duty of Police Sergeant No. 192 Eddie Theuma of the Traffic Branch and Police Sergeant No. 1248 Dennis Caruana of the Mobile Squad, when faced with an armed opponent at the Auberge de Castille on Monday, 15th October, 1979. I appreciate their timely action which was taken at the risk of bodily harm.

Such esprit de corps overtly manifested regardless of danger to life and limb has earned the deserved praise of not only the members of the Police Force, but of all the community which we serve".

**APPRECIATION:**

This letter was sent by Mr. Mohamed M. Issa, Manager of the Libyan Arab Airlines, Malta Office:

Mr. J. Cachia
Commissioner of Police
Police General Headquarters,
Floriana.

Sir,

Mr. Mohamed M. Issa, District Sales Manager, Malta, on behalf of Libyan Arab Airlines, would like to thank the Commissioner of Police, Mr. John Cachia and the Malta Police Force for the help they awarded Libyan Arab Airlines during the hijack of one of their flights which occurred yesterday 16.10.79 at Luqa Airport. Libyan Arab Airlines commends you personally and your staff for their efficiency and help.

Letter from Salem Shweihdi, Secretary of the Popular Committee:

Dear Sir,

The Popular Office of the Socialist People's Libyan Arab Jamahiriya as well as the Libyan Community in Malta would like to heartily thank the members of the Police Corps who in one way or another contributed most efficiently in solving the problem of the hijacked Libyan Arab Airline Fokker plane.

We avail ourselves of this opportunity to extend our best regards.

**TKOMPLI MINN Pg.19**

u l-isportivi taghna nirringrazzja lill Tony (li ghal hafna snin kien il-Captain tat-Team) u lill-Edwin, ghas-servizz tajjeb li taw matul dawn l-ahhar ghaxar snin. Bla tlaqliq nghid li l-ewwel bicca xoghol li l-Kumitat ghandu hija proppju li nsibu sostituti denji ghalihom, ghax ghalkemm irridu nibnu team kemm jista' jkun zaghzuh, ma tistax tibdel team konsistenti mill-lejl ghannhar. Ghandna wkoll il-problema li mhux dejjem insibu l-koperazzjoni mixtieqa ghaliex mhux dejjem il-players maghzula jinataw il-facilitajiet mitluba. Naf li hafna mid-Detail Officers ikollhom il-problemi izda b'daqxejn ta' rieda tajba, kollox jista' jirranga ruhhu. meta nafu, li hafna drabi, anke meta l-players ikunu moghtija hin ghat-tahrig, dawn hafna drabi jattendu mil-hin liberu taghhom.

Inkant meta qed nippreparaw ghal participazzjoni fil-Kompetizzjoni organizzata mill-Ministeru ta' l-Isports ghad-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Para-Statali, it-team taghna kien lahaq laghab l-ewwel loghba ta' hbiberija kontra team mir-ROSENDALE HOTELS, fil-Ground ta' KORDIN nhar il-Gimgha, 9 ta' Novembru li irbahna bl-iskor ta' 4-0.

Il-goals taghna gew skurjati minn Francis Zammit (2), Victor Pace u Patrick Spiteri. Ghalkemm ghadna lura fil-preparazzjoni, jidher car li ghandna talent bizzejjed biex ikollna team tajjeb ghal-impenji li gejjin.

F'din l-ewwel loghba, it-team taghna kien dan:-
J. Borg; A. Deguara; G. Borg; J. Desira; M. Ellul; M. Mallia; P. Spiteri; C. Micallef; C. Grech; F. Zammit u J. Mallia.

Fit-tieni half dahlu V. Pace u J. Camilleri flok C. Micallef u F. Zammit. F'harga ohra naghtikhom aktar taghrif dwar dak li jkun sar mit-team taghna.

**Draughts**

Il-participazzjoni minn team tal-Korp fil-kompetizzjoni "DRAUGHTS GHAL-KULHADD" organizzata mil-Ministeru ta' l-Isports ghada ma bdietx. Dan minhabba l-fatt li dakinhar li kella tibda din il-kompetizzjoni, saret il-maltempata tal 25 ta' Ottubru li hassret kollox.

Sakemm kont qed nikteb konna ghadna ma nafux meta l-loghob kellu jibda. F'harga ohra naghtikhom it-taghrif li jkolli dwar din il-kompetizzjoni.

**Bocci**

Hafna membri tal-Korp talbuna biex isir xi haga biex jigi ffurmat team tal-BOCCI. Nafu li fil-Korp ghandna numru kbir ta' dilettanti ta' din il-loghba. Fost l-ahjar li ghandna hemm PC 910 JIMMY MUSCAT li qieghed stazzjonat il-MOUNTED SECTION. Il-Kumitat approva illi *dawk li huma interessati f'din il-loghba, jikkuntattjaw lill Jimmy Muscat* biex naraw x'jista jsir u jekk naraw li hemm materjal tajjeb, nghinu fit-twaqqif tat-team u anke nipprovdu sett gdid tal-Bocci ghal din il-loghba.